MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2015

Numru. 675/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Oscar Calafato**

**Noel Aquilina**

**Kumpilazzjoni Nru: 675/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Oscar Calafato**, ta’ 34 sena, iben Nazzareno u Miriam nee’ Borg, imwieled Londra, nhar il-31 ta’ Dicembru, 1976 u residenti fil-fond Flat 1, Blokk G, Entrance D, Qalb ta’ Gesu fuq tal-Hawli, Birgu u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 257781(M).

**Noel Aquilina**, ta’ 35 sena, iben Mario u Lina nee’ Bajada, imwieled Pieta’, nhar il-23 ta’ Dicembru, 1975 u residenti fil-fond numru 17, Triq id-Dejqa, Bormla, u u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 40976(M).

Akkuzati talli fis-7 ta’ Mejju, 2011 ghall-habta ta’ 00:30hrs gewwa ix-Xatt ta’ Bormla, Bormla, hebbew ghal Marco Mamo detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 539481M u kkagunawlu griehi ta’ natura gravi bi strument li jaqta’ jew iniggez skond ma’ iccertifikat Dr.Ariene Vassallo mill-Isptar Mater Dei;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Noel Aquilina akkuzat ukoll talli:

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provediment tal-Kap 446 Artikolu 7 tal-Ligijiet ta’ Malta impost fuqu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr.Miriam Hayman LLD datata 24 ta’ Novembru, 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel; u aktar talli:

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artikolu 7 tal-Ligijiet ta' Malta, impost fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr.Audrey Demicoli LL.D datata 18 ta' Dicembru, 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel; u aktar talli:

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu bhala recediv billi kiser il-provedimenti ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D, fejn gie illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien erbatax –il xahar, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel; u aktar talli:

Irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali,

Fil-konfront ta' **Oscar Calafato** kif mahsub f'l-artikoli:

1. 214, 215, 64(2), 217 u 218(1)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 338(dd), 338(m), 7(2)((b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' **Noel Aquilina** kif mahsub f'l-artikoli:

1. 214, 215, 64(2), 217 u 218(1)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 338(dd), 338(m), 7(2)((b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. 22(3)(4) u 23 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. 49, 50 u 289 tal-Kapitolu
6. 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda glieda li sehhet nhar is-7 ta’ Mejju 2011 hdejn il-kazin San Gorg f’Xatt ta’ Bormla, Bormla li fiha safa midrub certu Marco Mamo; din il-glieda sehhet f’zewg stadji.

Illi Marco Mamo jirrakkonta li huwa kien qieghed il-kazin meta f’xi hin ra liz-zewg imputati jargumentaw ma’ certu Ritianne Bugeja li tigi oht l-imputat Clafato u t-tfajla ta’ l-imputat Aquilina. Mamo hass li kellu jintervjeni ghaliex skond hu Calafato mbotta lil ohtu max-shutter. Mamo jghid li kif intervjena z-zewg imputati hebbew ghalih, qalbuh u waqa, hekk kif Calafato qabad hadid ta’l-aluminium u tah daqqa biha. Aquilina tefa lil Mamo barra, rega’ dahal fil-kazin u ghalaq il-bieb. Meta Mamo nduna li ghandu d-demm, ta daqqa mal-bieb tal-kazin, rega’ dahal u regghu bdew jilletikaw pero wara ftit waslu l-pulizija li rnexxielhom jikkalmaw is-sitwazzjoni u lil Mamo baghtuh ‘l hemm. Mamo fil-fatt telaq bil-karozza tieghu pero Aquilina qallu “*ghada ejja u nkompluha*”; Mamo rreagixxa billi qallu “*le nkompluha llum*” u fil-fatt rega’ mar hdejhom. Hu sab lil Aquilina kien qed jixrob flixkun birra u Calafatio bilqegha barra. Mamo jkompli jirrakkonta li Aquilina tefa’ l-flixkun ‘l hemm u beda jimbottah u jzommu fil-waqt li Calafato tah daqqa bil-flixkun u hu waqa ma’l-art. Hekk kif waqa’ Aquilina beda jaghtih bis-sieq fuq il-ferita. Nies li kien hemm fuq il-post irnexxielhom jifirquhom u Mamo telaq ‘l hemm bil-vettura tieghu.

Ghandu jinghad li fit-tieni depozizzjoni tieghu Marco Mamo iddikjara li huwa kien hafer lill-imputati u li llum r-relazzjonijiet bejniethom huma tajbin.

Illi minn dak li qalu, fid-depozizzjoni taghhom, il-pulizija nvoluti f'l-investigazzjoni ta' dan il-kaz jirrizulta li wara telefonata f'l-ghassa ta' Bormla l-pulizija marru fuq il-post ta'l-incident u hemm sabu li kien hemm argument bejn Mamo u l-imputati u li f'dan l-incident Mamo kien soffra girfa zghira fuq mohhu; meta waslu fuq il-post u anke sa kemm kienu qeghhdin hemm Mamo beda jghajjar u jhedded lil Calafato. Fuq struzzjonijiet tal-pulizija Mamo telaq minn fuq il-post. Wara li l-pulizija hadu l-verzjonijiet tal-persuni kollha koncernati u ta' xi persuni li kienu fuq il-post irritornaw f'l-ghassa. Wara ftit pero rcevew telefonata ohra u gew infurmati li kienet qamet glieda ohra bejn l-istess nies. Huma marru fuq il-post u hemm sabu lill-imputati (u diversi nies ohra) u gew infurmati li Mamo kien soffra griehi (aktar gravi minn ta qabel) fuq wiccu; Mamo pero kien lahaq telaq minn fuq il-post. Gara li sa kemm il-pulizija marru hdejn il-kazin, Mamo lahaq mar l-ghassa min fejn intabghat ghall-kura medika. Minhabba li Mamo allega li Aquilina kien tah daqqiet ta' sieq fuq il-ferita li kellu (wara li waqa ma'l-art) l-pulizija elevaw z-zarbun li kien liebes Aquilina.

Illi mill-analizi li ghamlet l-espert nominat Dr Marisa Cassar jirrizulta li fuq dan iz-zarbun kien hemm tracci ta' demm u li dan id-demm kien ta' Marco Mamo.

Illi tressqu bhala xhieda ukoll l-persuni kollha li kienu fuq il-post ta' l-incident.

Illi minn dawn id-depozizzjonijiet hija korroborata l-verzjoni li ta' Mamo f'diversi aspetti taghhha. Dawn ix-xhieda jikkonfermaw li kien argument bejn l-imputati minn naha u Ritanne Bugeja min-naha l-ohra u li Marco Mamo intervjena f'dan l-argument b'mod li huwa u l-imputati spiccaw gew f'l-idejn u kellha tissejjah il-pulizija. Jikkonfermaw ukoll li ftit wara li Mamo telaq minn fuq il-post (fuq struzzjonijiet tal-pulizija) huwa rega' gie u regghu gew f'l-idejn

hu u l-imputati u kellhom jergghu isejjhu l-pulizija. Ghandu jinghad pero li dawn il-persuni ghalkemm jaghtu spjega generali ta' l-incident ftit li xejn jaghtu dettalji dwar minn beda jagredixxi lil min u b'liema mod. Fil-fehma tal-Qorti dawn ix-xhieda kienu jafu aktar milli qalu pero d-depozizzjoni taghhom kienet influenzata mill-parentali li huma ghandhom lejn il-partijiet. Shirley Mamo (oht Marco) pero specifikat li hija rat flixkun tal-birra pero ma kenitx taf f'idejn minn, u li rat lil Aquilina jaghti bis-sieq lil huha.

Illi z-zewg imputati rrilaxxjaw starrija u l-imputat Oscar Calafato ghazel li joffri d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti.

Illi f'l-istqarrija tieghu Aquilina jghid li f'l-ewwel stadju ta'l-incident huwa kull m'ghamel kien li ferraq lil Mamo u lil Calafato. Dwar it-tieni stadju jghid li meta Mamo rega' gie lura hdejn il-kazin jghajjar u joffendihom huwa mar fuqu biex jikkalmah pero Mamo xejjer daqtejn fid-direzzjoni ta' Calafato u dan qam (Calfato kien bil-qeghda fuq it-tarag) u gew f'l-idejn. Aquilina jkompli jispjega li hu prova jferraq pero Mamo hebb ghalih ukoll ghalhekk tah daqqa ta' sieq meta Mamo kien waqa ma'l-art pero cert li ma laqtux f'wiccu jew rasu.

Illi f'l-istqarrija tieghu Calafato jikkonferma li nqala argument ma' ohtu Ritanne Bugeja u li f'xi hin intervjena Mamo (li skond Calafato kien fis-sakkra), hu qallu biex ma jindahalax u ghal dan il-kliem Mamo hebb ghalih u kellhom iferrquhom in-nies. Dwar it-tieni episodju jispjegha li wara li kienu telqu kemm Marco u l-pulizja u hu kien ghalaq il-kazin, bdew jisimghu hafna tisbiet mal-bieb u xi hadd (it-tfjala tieghu Diane Grech) qaltlu li kien rega gie Marco Mamo biex ikellmu. Calafato kompla jispjega li huwa hareg u Marco beda jistiednu ghall-glied; xi nies hadu lil Marco fit-tarf tal-pjazza pero malli telqghuh Mamo gera ghal fuq Calafato xejjer erbgha' daqqiet pero ma laqtux; in-nies li kien hemm zammew lil Mamo u dak il-hin fi kliem Calafato "*jien mort ghalih, hbatbna flimkien u waqajna ma'l-art*". Calafato qal ukoll li mbaghad xi hadd qalaw minn fuq Mamo u warrbuh 'l hemm.

Illi pero meta xehed quddiem din il-Qorti Calafato jaghti verzjoni xi ftit differenti, partikolarment fir-rigward tat-tieni stadju ta'l-incident. Calafato xehed li meta Mamo gie jsabbat fuq il-bieb tal-kazin, hareg biss Aquilina li beda jipprova jikkalma lil Mamo pero dan (Mamo) ghamel siegha u nofs jghajjar u joffendi lill-imputati b'sitta min-nies jippruvaw izommuh. Calafato kompla jixhed li f'daqqa wahda Mamo harbilhom, gie biex isawwtu, u hu mbottah, ferrquhom u f'dak il-hin ra lil Mamo kollu demm.

Ikkunisdrat

Illi l-imputazzjonijiet principali huma l-istess fil-konfront taz-zewg imputati u cioe li kkawza lil Marco Mamo ferita gravissima b'strument li jaqta, u li kisru l-buon ordni u l-paci pubblika.

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li, kemm minn dak li qalu l-imputati kif ukoll mis-sottomissjonijiet maghmula f'isimhom, d-difiza mhiex qed tikkontesta l-incident jew l-involviement ta' l-imputati; dak li qed jghidu huwa li l-agir taghhom kien skuzabbli bhala legittima difeza.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-legittima difeza l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 jipprovdi li

> *Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna ... ... huma mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*

Illi pero l-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-legittima difeza:

*Mhux kull minnn "jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar il-"bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli[1].*

Illi dan ifisser li d-difiza trid tkun saret sabiex jigu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lill-imputati. L-imputati iridu jipprovaw li dak li ghamlu ghamluh **biex jevitaw il-perikolu li ma setax jigi evitat b'mod iehor.** Jigifieri l-perikolu ried ikun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel jew ta' xi perikolu li jista' jsehh aktar tard, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu irid ikun ukoll assolut, cioe li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor.

Illi mhux kontestat li l-lacerazzjoni f'wicc Mamo giet ikkawzata fit-tieni stadju ta'l-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Jirrizulta ukoll li dak il-hin Calafato u Aquilina kienu qeghdin gewwa il-kazin, li kien maghluq. Skond l-imputati Mamo gie u beda jhabbat fuq il-bieb, jghajjar u joffendihom u anke jistedinhom ghall-glied. Dak il-hin huma ma' kienu qeghdin f'l-ebda perikolu stante li Mamo kien barra u huma kienu fil-kazin li kien maghluq; is-sitwazzjoni ddegenerat ghaliex l-imputati ghazlu li johorgu u jaffrontaw lil Mamo. Din il-parti ta'l-incident kienet tigi evitata facilment kieku l-imputati baqghu gewwa u cemplu lill-pulizija biex jergghu imorru fuq il-post u jikkontrollaw huma lil Mamo[2]. L-imputati pero ghazlu li johorgu u jisfidaw lil Mamo ghalhekk zgur li ma tistax tirnexxi d-difiza tal-legittima difeza ghalkemm hadd ma jista jichad li kien hemm element ta' provokazzjoni da parti ta' Mamo.

---

[1] Ref Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro deciza 26.08.1998.
[2] Il-pulizija gew imsejjha minn terzi wara li l-imputatio hargu barru u regghu gew f'l-idejn ma' Mamo.

Ikkunisdrat

Illi jirrizulta ampjament li f'dan l-incident Marco Mamo soffra lacerazzjoni f'wiccu, li mhux biss hija certifikata mit-tabib li nvistah imma tidher anke fir-rittratti annessi mar-rapport ta' PS1261 Charles Pace. Aktar minn hekk din il-Qorti kellha l-opportunita tikkonstata *de visu* c-cikatrici li halliet din l-ferita. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li din ic-cikatrici halliet sfregju f'wicc Mamo pero fil-fehma tal-Qorti dan l-isfregju mhux wiehed gravi b'mod li l-offiza sofferta minn Mamo taqa' taht definizzjoni ta' l-artikolu 216(1)(b) u mhux 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghal dak jirrigwarda kif giet ikkawzata din il-lacerazzjoni l-prosekuzzjoni, u Mamo, qed jallegaw li kien Oscar Calafato li kkawzaha billi tah daqqa bil-flixkun, pero fil-fehma tal-Qorti m'hemmx prova li tistabilixxi 'l hemm minn kull dubbju dedatta mir-raguni li Calafato kellu flixkun f'idejh. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li, min-naha l-ohra, gie stabbilit li meta Mamo kien ma'l-art l-imputat Aquilina tah daqqa ta' sieq[3], jaghmilha difficli ferm biex wiehed jistabilixxi jekk kienx Calafato jew Aquilina li ta d-daqqa li kkawzat dik il-lacerazzjoni.

Illi dan pero ma jfissirx li l-imputati ma jistawx jinstabu hatja fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghhom imma jfisser li ghandu japplika fil-konfront taghhom l-artikolu 237 tal-kapitolu 9.

Illi ghandu jigi rilevat ukoll li la darba ma giex stabbilit fil-grad rikjest mill-Ligi li l-lacerazzjoni giet kawzata minn strument li jaqta u li jniggez, l-aggravanti ai termini ta'l-artikolu 217 tal-Kapitolu 9 ma giet pruvata.

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li b'dan l-incident inkisret il-paci pubblika ghalhekk it-tieni mputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

[3] U fuq iz-zarbun ta' Aquilina hemm tracci ta' demm ta' Mamo.

Ikkunisdrat

Illi kontra l-imputat Noel Aquilina ngiebu diversi imputazzjonijiet ohra.

Illi permezz tat-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjonijiet huwa gie akkuzat li wettaq reati f'perjodu ta' liberta kundizzjonata jew waqt perjodu ta' probation. Fic-citazzjoni hemm kwotati s-sentenzi li fuqhom qed jigu bazati l-imputazzjonijiet issa in ezami.

Illi s-sentenzi relattivi gew esebeiti u jikkonfermaw li f'l-24 ta' Novembru 2009 l-imputat Aquilina tpogga taht probation ghal perjodu ta' sentejn; li fit-18 ta' Dicembru 2009 rega' tpogga taht probation ghal perjodu ta' sentejn; u li fit-22 ta' Marzu 2010 giet liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien erbatax il-xahar. Ir-reati odjerni sehhew fis-7 ta' Mejju 2011 u ghalhekk waqt id-dekors tat-tlett perjodi hawn imsemmija; konsegwentement it-tlett imputazzonijiet issa in ezami jirrizultaw pruvati.

Illi l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Aquilina hija dik dwar recidiva. Pero mill-atti processwali ma jirrizultax (permezz ta' xi sentenza esebieta) li huwa gie ikkundannat ghal xi perjodu ta' prigunerija fis-snin qabel ma kkommetta r-reati odjerni; ghalhekk din l-ahhar impujtazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunusdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati u l-fedina penali taghhom u min-naha l-

ohra l-provokazzjoni da parti tal-parte leza, il-fatt li llum jidher li r-relazzjonijiet bejn il-partijiet hija wahda tajba u li l-parte leza hafrilhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Oscar Calafato** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni mhux qed jinstab hati ta'l-aggravju predispost f'l-artikolu 217 tal-Kapitolu 9 mill-liema aggravju qed jigi liberat, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 **tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena**.

War li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet u l-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **Noel Aquilina** hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghall-ahhar wahda dwar recidiva li minnha qed jigi liberat, b'dan li fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni mhux qed jinstab hati ta'l-aggravju predispost f'l-artikolu 217 tal-Kapitolu 9 mill-liema aggravju qed jigi liberat ukoll, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qed **tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn** u taghzel li ma titrattax mieghu ghar-reati li taghhom instab hati permezz tas-sentenzi mghotija f'l-24 ta' Novembru 2009, fit-18 ta' Dicembru 2009 u fit-22 ta' Marzu 2010.

In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitoliu 9 **kull wiehed mill-imputati** qed jigi ikkundannat biex fi zmien sitt xhur ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €454.30 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat ieHor fil-perjodi fuq stabbiliti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------